**Shabi Kunsilliera,**

**Mistednin Distini,**

**Hbieb,**

L-isfida li tmexxi raħal mhijiex waħda zgħira, sfida li l-poplu Żebbuġi tefa fuqna lkoll bħala Kunsilliera eletti tal-belt Rohan.

Sfida li jien flimkien magħkom il-kunsilliera ser nkun qed naqdiha bl-akbar onesta', impenn u lealta' sabiex flimkien nkomplu nagħtu kwalita' ta' ħajja aħjar liż-Żebbuġin kollha filwaqt li nkomplu ngħollu dejjem isem beltna l' fuq. Il-Kariga ta' kunsillier hija missjoni li wiehed ghandu jaqdiha b'kuragg u determinazzjoni u ghandna dejjem inzommu l-interess tal-lokalita' l-ewwel u qabel kollox. Hija l-intenzjoni tieghi illi nkompli fuq it-tajjeb li ghamel il-Kunsill precedenti u hawnhekk ippermettuli nibda billi nirringrazzja lis-Sur Alfred Grixti li serva bhala Sindku matul il-hames snin li ghaddew, kif ukoll lill-Kunsilliera kollha membri fis-Seba Kunsill.

Matul dawn l-aħħar ġimgħat ltqajt u tkellimt ma' ħafna Żebbuġin residenti li tkellmu miegħi fuq sfidi u problemi varji li jaffaċjaw ta' kuljum, piżijiet li bil-ħidma tagħna lkoll nistgħu intaffuhom xi ftit.

Minix ser niġi hawn quddiemkom u nitfa fuq il-mejda l-prijoritajiet tagħna bħala kunsill mingħajr ma niddiskutu fid-dettal mar-residenti x'inhuma l-veru prijoritajiet taghhom. Ser nagħmel ħilti kollha sabiex il-prijorotajiet tagħna bħala Kunsill ikunu mibnija fuq il-prijoritajiet taż-Żebbuġin kollha.

Huwa ghalhekk li matul il-ġimgħat u xhur li ġejjin nixtieq li jiġu organizzati numru ta' laqgħat ta' konsultazzjoni immirati għal diversi żoni f' Ħaż Żebbuġ għaliex nemmen li kull żona fil-lokalita' għandha l-bżonnijiet partikolari tagħha, in-neċessitajiet u l-ħtiġijiet tiegħi bħala residenta fiż-żona ta' Hal Mula huma zgur differenti minn dawk li jgħixu fiż-żona tal-Grazzja, u l-istess argument japplika wkoll ghaż-żoni l-oħra kollha f' Ħaż Żebbuġ.

Jibqa pero' fatt magħruf li l-akbar uġieħ ta' ras għall-maggioranza taż-Żebbuġin huma t-toroq u l-infrastruttura tal-lokal. Saret diġa ħidma pozittiva mill-Kunsilli preċedenti fil-qasam tat-toroq tal-lokal, pero' żgur li għad fadal ħafna xi jsir.

Huwa għalhekk li rridu nħaddmu b' aktar għaqal ir-riżorsi finanzjarji li għandna sabiex naraw li t-toroq u l-infrastruttura tal-lokal jingħataw l-attenzjoni massima fis-snin li ġejjin. Waħedna żgur li mhux ser naslu u mirakli żgur li ma nistgħux inwettqu, għalhekk matul iż-żmien li ġej ser nara sabiex issir pressjoni fuq il-Gvern Ċentrali speċjalment fuq Transport Malta u l-Ministeru għat-Trasport u l-Infrastruttura sabiex tingħata l-għajnuna u l-attenzjoni kollha neċessarja sabiex nindirizzaw il-problemi tat-toroq fil-lokalita' tagħna.

Irridu pero' li dan il-proċess isir abbażi ta' prijoritajiet u neċċessitajiet bit-toroq li jsiru tal-ewwel ikunu dawk li l-aktar li jeħtieġu interventi urġenti. Nemmen wkoll li dawn il-proġetti għandhom jitqassmu b' mod proporzjonat f' żoni differenti tal-lokal u ma jkunux ikkonċentrati biss f' żona waħda. Għalina m' għandux ikun hemm Żebbuġin tal-ewwel u Żebbuġin tat-tieni klassi, kull żona f' Ħaż Żebbuġ għandha tingħata l-attenzjoni li jeħtiġilha.

Ovvjament il-limitazzjonijiet finanzjarji huma dawk illi huma u s-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill Lokali tagħna hi dik li hi, irridu naraw li jidħol aktar is-sens ta' sostenbilita' finanzjarja fil-ħidma tagħna. Huwa għalhekk illi irridu naraw li fi żmien li ġej dan il-Kunsill jibda jgħalaq is-sena finanzjarja tiegħu b' surplus sabiex b'hekk b' għaqal u mingħajr ma nwaqqfu l-proġetti tagħna inkunu nistgħu nibdew innaqsu u mhux inkomplu nżidu d-dejn u l-commitments finanzjarji li għandna bħala Kunsill.

Ser naħdem wkoll sabiex bħala Kunsill naraw kif nistgħu nimmasimizzaw l-użu ta' Fondi Ewropej. Fondi li jistgħu ikomplu jservu ta' għajnuna sabiex nkomplu nagħtu infrastruttura ta' aktar kwalita' fil-lokal tagħna. Fondi li ser nara li jiġu attirati sabiex nsaħħu l-izvilupp ambjentali fil-lokalita' taghna fosthom il-widien u l-ambjent rurali Żebbuġi.

L-indafa u l-upkeeping tal-lokal huma wkoll ta' importanża kbira u għadna naraw li l-kuntratturi kollha f' dan il-qasam jagħmlu xogholhom u ningħataw value for money għall-alokazzjoni li nkunu ħriġna bħala Kunsill. Nemmen li rridu nkunu aktar vigilanti bħala Kunsilliera u naraw li kull abbuz u telqa tiġi irrapurtata mill-ewwel u ttitieħed ażżjoni adegwata fl-inqas ħin possibli. Dan

jista jsir wkoll billi naraw li s-sistema tal-costomer care tagħna fi ħdan il-Kunsill Lokali tkun waħda aktar effiċjenti u effettiva.

Għandna nkomplu naħdmu wkoll sabiex nagħtu s-sostenn u l-appoġġ kollhu lill għaqdiet kollha tal-lokal tagħna, kemm il-baned, għaqdiet taz-zgħazagħ, sporitivi u kif wkoll għaqdiet kulturali Żebbuġin. Għadna naraw li l-attivitajiet kollha b' tema kulturali li norganizzaw ikunu marbuta mal-patrimonju tagħna ż-Żebbuġin filwaqt li jkomplu jservu bħala vetrina u sostenn għat-talent u l-kapaċitajiet tagħna ż-Żebbuġin.

Nemmen li għandna ninvestu wkoll bis-sħieħ f' attivatijiet edukattivi u soċjali għaż-żgħażagħ, anżjani u persuni b' diżabilita' fil-lokalita' tagħna. Ser naħdem flimkien magħkom sabiex ninvestu fis-sotto kumitati tagħna sabiex b' hekk nkunu nistgħu norganizzaw numru ta' attivitajiet b' mod frekwenti li jilħqu diversi faxxex tas-socjeta' tagħna. Attivitajiet sportivi, korsijiet tal-IT, korsijiet fi snajja u xogħol bl-idejn għandhom jingħataw spażju ferm akbar fil-ħidma tagħna bħala Kunsill.

Sabiex nkunu nistghu inwettqu din il-hidma b' koordinazzjoni, l-irwol ta' kull Kunsillier f' din il-legizlatura ser ikunu mqassma hekk:

**Dekasteri tal-Kunsilliera**

| | |
|---|---|
| Sarah Agius – Sindku | Direzzjoni Generali u Kordinament tal-Hidma Kollha tal-Kunsill, Pjan ta' Zvilupp, Relazzjonijiet Pubblici u mal-Media, Finanzi, LES u Customer Care |
| Alfred Grixti – Vici Sindku | Edukazzjoni, Librerija Pubblika, Gemellaggi u Relazzjonijiet ma' Entitajiet Esteri, Relazzjonijiet mal-Kommunitajiet Zebbugin. |
| Roderick Aquilina | Drittijiet tal-Konsumatur u tac-Cittadini, Affarijiet Legali, Indafa Pubblika, Urbana u Rurali, Widien u Biedja – Ambjent. |
| George Cortis | Kommunita' Kummercjali u Self-Employed |
| Clive Azzopardi | Teknologija tal-Informatika, Fondi Ewropej, Kultura u Turizmu |
| Vernalise Bartolo | Zghazagh, Tfal, Sport, Facilitajiet Sportivi u Ghaqdiet Zebbugin |
| Kevin Glynn | Accessibilita' u Persuni bi Bzonnijiet Specjali |

| | |
|---|---|
| Christopher Bongailas | Infrastruttura u Progetti Kapitali, Street Lightning. |
| Philip Said | Sahha, Anzjani u Patrimonju Zebbugi |

Nappellalkom sabiex kull wiehed u wahda minnha jaghti l-massimu tieghu sabiex naslu fit-tragwardji li ser inpoggu quddiemna. L-isfidi mhumiex zghar, izda jekk kullhadd jerfa l-bicca tieghu zgur li ser naslu. Ghalhekk nappellalkom sabiex nahdmu lkoll bhala team wiehed, team maqghud li l-ghan ahhari tieghu ghandu jibqa dejjem dak li jzomm l-interessi taz-Zebbugin kollha fuq quddiem nett.

Dawn huma biss uħud mill-ħsibijiet tiegħi għaż-żmien li ġej. Nemmen li għadna team b’ saħħtu li kapaċi jġib bidla pożittiva fil-lokal, team mħallat b’ enerġija żgħażugħa u kunsilliera li għandhom esperjenza kbira fil-qasam tal-Gvern Lokali. Inwegħdkom li ser nikkonsulta ma’ kullħadd u mhux ser naċċetta qatt li jidħol l-element partiggjan fil-ħidma tagħna. Ahna lkoll Żebbuġin b’ għan wiehed, dak li naraw lir-residenti tagħna kuntenti u sodisfatti bil-ħidma tal-Kunsill Lokali tagħhom.

Huwa għalhekk li ser nimxi b’ umilta’ u naċċetta l-pariri ta’ kulħadd sabiex bil-ħidma kollettiva tagħna lkoll nkomplu nagħtu lill din beltna tmexxija onesta, sinċiera, ħabrieka u li taħdem fuq il-veru prijoritajiet taż-Żebbuġin kollha.

Grazzi